**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 7 t' April, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Giovanni Caruana**

Kumpilazzjoni Nru. 150/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat talli:

1. F'Jannar, 2014 u fix-xhur ta' qabel f'Tas-Sliema -
Volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara f'diversi partijiet ta' vettura tal-ghamla Honda Tucson bin-numru tar-registrazzjoni NES 555 u Land Rover Discovery bin-numru tar-registrazzjoni TCB 880 ghad-dannu ta' Vanessa Agius u Noel Agius u jew persuni ohra, liema hsara komplessiva hija izjed minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164,69).
2. Ghall-habta tal-11:30 ta' filghodu fid-9 ta' Frar, 2014, gewwa l-Ghassa ta' tas-Sliema -
Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi fuqha jew ibezzaha kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' lis-Spettur Jonathan Ransley.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2016 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi (i) hsara volontarja li mill-atti processwali hi ndikata li tlahhaq l-ammont komplessiv ta' circa €6,845[1] u (ii) offiza fuq prsuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Qorti tinnota li l-ammont tal-hsara subita jinsab f' dokumenti a fol. 34 u fol. 44-45. Dawn id-dokumenti juru stimi ossia 'estimate' (fol.45 re TCB880). Fol.34 hemm biss ammont fuq dokument komplessiv ta' €6845 li ma gie kkontestat bl-ebda mod mill-imputat.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-fedina penali tieghu li hi wahda netta u fuq kollox il-fatt li fil-fehma tal-Qorti l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 95 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

[1] Fol.34 kif ukoll stima a fol.44-45 rigward il-vettura TCB880

Tordna li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) l-imputat ihallas is-somma ta' sitt elef, tmien mija u hamsa u erbghin ewro (€6,845) lil Noel u Vanessa Agius u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) l-imputat qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur sabiex ihallas lill-parte leza.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Noel u Vanessa Agius u l-familja taghhom ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet anness.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega kemm biex jeghleb l-aggressivita` tieghu kif ukoll kwalunkwe ghajnuna psikologika jekk tirrizulta li hija mehtiega.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

Fl-ahharnett tordna ir-rilaxx tal-Karta tal-Identita` kif ukoll tal-Passaporti tal-hati Giovanni Caruana.[2]

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[2] Esebiti a fol. 15-16.